# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum it-Tnejn dsatax (19) ta' Mejju, 2025**

**Rikors Revoka Numru.: 31/2025 MH**

**Fl-Atti tal-kawża Nru.: 1202/2024MH**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1839/2024 u fl-istess ismijiet:**

**Stephen Gove', Maria Formosa, Alan Gove',**
**Joseph Formosa u Maria Gove'**
**vs**
**Kevin Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-sekwestrat Kevin Zammit tad-9 ta' Jannar 2025** permezz ta' liema talab lill-Qorti –

1. Titratta dan ir-rikors b'urġenza;

2. Tirrevoka, tħassar u tikkanċella *'in parte'* l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1839/24 ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi żżomm fis-seħħ il-mandat in kwistjoni biss fil-konfront tal-flus miżmuma mill-Bank of Valletta plc u tirrevokah mill-bqija;
3. Tikkundanna lis-sekwestranti jħallsuh is-somma ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 bħala penali ai termini tal-artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat **in-nota ta' Stephen Gove' et tal-4 ta' Frar 2025** permezz ta' liema irribattew li l-pretensjonijiet tar-rikorrent sekwestrat ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-liġi għar-revoka tal-Mandat in kwistjoni 'in parte'.

Rat id-dokumenti preżentati u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat li r-rikors tħalla għad-digriet kamerali.

Rat l-atti tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

**Fl-ewwel talba** r-rikorrent sekwestrat qed jitlob lill-Qorti titratta r-rikors b'urġenza.

Il-Qorti tirrileva li prontament malli r-rikors wasal quddiemha tat id-debitu digriet sabiex ikun jista' jiġi trattat u deċiż fi żmien opportun. U llum ser tkun qed tagħti d-deċiżjoni tagħha b'rabta ma' dan ir-rikors fl-ambitu wkoll tal-volum għoli ta' xogħol li jrid jitwettaq.

Fiċ-ċirkustanzi, din it-talba hija ormai sorvolata u għalhekk **il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

**Fit-tieni talba** r-rikorrent Zammit qiegħed jitlob ir-revoka in parte tal-Mandat 1839/24 a bażi ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ **Carmel sive Charles Borg vs Christian George Grech deċiż fis-7 ta' Mejju 2020** il-Qorti elenkat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw dan l-artikolu -

> *"Art 836 Kap. 12 - Proċedura Straordinarja.*
>
> *Fi proċeduri bħal dawk odjerni istitwiti bis-saħħa tal-Artikolu 836 tal-Kap.12 il-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi tassattivament l-imsemmi artikolu. Il-proċedura hekk stabbilita hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-aqsar żmien possibbli. Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-*

*proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakolta' li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtieġa li tappunta seduta għal smiegħ viva voce. L-emfasi huwa l-urġenza u s-smiegħ spedit.*

*In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet* ***DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd1*** *, fejn ġie stabbilit illi:*

*"… fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et,*** *deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

*Fuq l-istess binarju hija d-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et****, fejn il-Qorti stabbiliet illi:*

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide* ***Vincent Mercieca vs. George Galea****, 29 ta' Novembru, 2011, u* ***Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,*** *tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

Speċifikatament Zammit jistrieħ fuq is-**sub-artikolu 836 (1) (ċ) tal-Att** li jipprovdi hekk -

*"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(.....)*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-at tkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew"*

Fir-rigward tas-subparagrafu (ċ) tal-artikolu il-Qorti qalet hekk fil-proċeduri **Joseph Tabone vs Capece Construction Ltd degretati fl-14 t'Awissu 2013 -**

*"Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija*

*alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;*

*Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant;"*

Bħala sfond, jirriżulta li fis-6 ta' Novembru 2024 is-sekwestranti Stephen Gove' et ottjenew kontra s-sekwestrat Kevin Zammit il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1839/24 fl-ammont ta' €32,383.30. Dan sabiex huma jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom elenkati fir-rikors ġuramentat Nru 1202/24 fl-istess ismijiet intavolat ukoll fl-istess jum u li qiegħed jinstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

Fil-kawża Rik Ġur 1202/24, Stephen Gove' et qegħdin jitolbu lill-Qorti:

(a) tiddikjara li l-kuntratt t'appalt mogħti lil Kevin Zammit għal xogħlijiet fuq proprjeta' tagħhom ġie itterminat unilateralment mill-istess Zammit ai termini tal-artikolu 1640 (5) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta nhar l-4 t'Awwissu 2024;

(b) tiddikjara li l-atturi f'dik il-kawża kellhom raġuni valida ai termini tal-artikolu 1640 (3) tal-Att imsemmi sabiex iħollu l-kuntratt t'appalt lill-konvenut Zammit;

(c) tiddikjara li Kevin Zammit tħallas żejjed mill-atturi s-somma ta' €32,383.30;

(d) tordna lil Zammit sabiex jirrifondi lill-atturi tali somma flimkien mal-imgħaxijiet legali;

(e) tiddikjara li l-atturi ġarrbu danni ulterjuri b'riżultat tat-traskuraġni, negliġenza u nuqqas t'osservanza ta' l-obbligi ta' Zammit fit-twettiq tax-xogħlijiet li ma sarux skont l-arti u s-sengħa;

(f) tillikwida u tordna l-ħlas ta' tali danni lill-istess atturi flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali.

**Ikkunsidrat:**

B'rabta mat-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Rik 1839/24 a bażi tal-**artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kap 12** ir-rikorrent jargumenta li l-ammont mitlub fil-mandat diġa' ġie iddepożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti mill-Bank of Valletta p.l.c. Jgħid ukoll li l-HSBC Bank Malta plc ukoll żamm l-istess somma indikata fil-Mandat in kwistjoni u għalhekk l-istess somma qed tinżamm doppjament. Isostni li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni m'għandux jinżamm fis-seħħ kemm għar-rigward tal-flus depożitati mal-HSBC Bank Malta plc u anke għall-entitajiet l-oħra indikati fl-imsemmi mandat stante li l-pretensjoni tas-sekwestranti hija ben kawtelata.

Minn naħa tagħhom Stephen Gove' et jirribattu li l-unika ċedola li ġiet depożitata hija mill-Bank of Valletta plc. L-HSBC ma iddepożita ebda flejjes u inoltre, kwalunkwe ammont li dan il-bank jista' jkun qed iżomm, żgur ma tistax titqies li tikkostwixxi garanzija għas-sekwestranti. Huma jsostnu wkoll li l-pretensjoni tagħhom hija akbar minn dak li ġie depożitat sa issa taħt l-awtorita' tal-Qorti. Għalhekk fil-fehma tagħhom il-mandat in kwistjoni għandu jinżamm fis-seħħ.

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li –

i. Fit-22 ta' Novembru 2024 il-Bank of Valletta p.l.c. iddepożitat permezz ta' ċedola fl-atti tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni s-somma ta' €32,383.30;
ii. Fid-19 ta' Novembru 2024, b'rabta ma' l-istess mandat, l-HSBC Bank Malta plc iddikjara li l-kont bankarju milqut ma kellux fondi biżżejjed, liema kont kien jappartjeni lil Zammit flimkien ma' terzi. Il-Bank għalhekk ma kienx f'qagħda li jidentifika s-sehem ta' Kevin Zammit u kwindi l-Bank ma kienx f'qagħda li jiddepożita flus taħt l-awtorita' tal-Qorti.

Dan ifisser li sallum hemm ċedola ta' depożitu li fattwalment tkopri l-ammont tas-sorte fil-mandat kawtelatorju in kwistjoni. Jiġi rilevat ukoll li fl-istess

mandat, il-kreditu għall-imgħax u għall-ispejjeż ġie riżervat minn Stephen Gove' et.

Il-Qorti tissottolinea li l-għan tal-mandati kawtelatorji huwa sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet ġenwini u mhux biex iġibu lid-debitur għarkubbtejh finanzjarjament inutilment. Ingħad hekk fil-proċeduri **Paul Attard et vs Catherine Gatt pro et noe deċiż fis-6 t'Ottubru 2011 -**

*"Din il-Qorti diversament presjeduta kellha dan xi ssostni fil-kawza '**Sammut vs Sammut**' (3 ta' Lulju 2003 – Imhallef T. Mallia):*

*Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u iridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali."*

Ferm il-premess, jirriżulta mill-atti li l-ammont li Stephen Gove' et għażlu li jikkawtelaw permezz tal-mandat kawtelatorju in eżami ġie depożitat fl-intier tiegħu mill-Bank of Valletta p.l.c. Għalhekk la taħt l-awtorita' tal-Qorti hemm diġa' depożitata s-somma kollha kawtelata, hemm lok li tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrent għax tali somma hija meqjusa bħala garanzija xierqa għal dak ikkawtelat mis-sekwestranti stess.

B'rabta ma' l-argument tas-sekwestranti li huma jistgħu jiġu preġudikati jekk tintlaqa' t-talba tas-sekwestrat għax ma jkunux ikkawtelati għall-imgħax, spejjeż u għat-talbiet rimanenti tagħhom fir-rikors ġuramentat għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-Qorti tqis li l-istess sekwestranti liberament għażlu biss li jirriservaw il-krediu tagħhom b'rabta ma' l-imgħax u spejjeż. U dwar id-danni li, jekk jintlaqgħu t-talbiet tagħhom, għad iridu jiġu likwidati, l-Qorti tqis li la s-sekwestranti ma ħasbu għall-ebda somma sabiex jikkawtelaw li tkopri tali pretensjoni, allura m'għandhiex tkun l-istess Qorti li tagħmel dan.

Inoltre, lanqas ma ireġi l-argument tas-sekwestranti li fil-futur kerdituri terzi jistgħu jitolbu l-ħruġ ta' mandati fuq is-somma depożitata. Inoltre, fil-proċeduri fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 69/2021 **Paula sive Pauline Debono vs Paul Falzon et deċiż fid-9 t'Awissu, 2023** ingħad hekk -

> *"Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pretensjoni tal Ezekutanti li ghaliex tezisti l-possibbilita' li terzi jkollhom id-dritt ta' precedenza fil-gradwatorja tal-kredituri fil-kaz li jsehh dan, allura l Ezekutati ma ghandhomx dritt ghall-hrug ta' kontro-mandat. Din il-possibilita' xorta wahda tista' tavvera ruhha fuq l-ammont sekwestrat f'kaz li kellu jigri dak li qed tghid l-Ezekutanti ghaliex l ghan tal-mandat ta' sekwestru, wara kollox, m'huwiex li jiggarantixxi l-hlas;"*

**It-tieni talba tas-sekwestrat Kevin Zammit sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

**It-tielet talba** hija sabiex is-sekwestranti jiġu ikkundannati jħallsu lil Zammit is-somma ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 bħala penali ai termini tal-artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk –

> *"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*
>
> *(......)*
>
> *(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu magħandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*
>
> *(......)*
>
> *d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Kevin Zammit isostni li nonostante li s-sekwestranti kienu konsapevoli tal-fatt li l-pretensjoni tagħhom kienet ġiet kawtelata bis-somma depożitata fil-Qorti huma

ħallew il-mandat fis-seħħ fl-intier tiegħu u dan b'mod abbużiv, frivolu u vessatorju.

Il-Qorti pero' tqis li fl-ewwel lok ma jiriżultax lil-mandat kawtelatorju nnifsu ntalab kapriċċożament. Inoltre, l-fatt li s-sekwestranti għażlu li jżommu ferm il-pretensjonijiet tagħhom fuq il-mandat anke wara d-depożitu taċ-ċedola mill-Bank of Valletta pls mhijiex awtomatikament prova ta' malizzja jew abbuż.

Ingħad hekk fir-rigward fil-proċeduri fl-ismijiet **Philip sive Pinu Azzopardi vs Rosina Cassar et deċiżi fit-8 t'April 2020** –

> *"Il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponiex penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun ġie ppreżentat l-att kawtelatorju, u dan fl-erba' każijiet indikati f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess sub-artikolu. In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Awissu 2018 "Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1508/02 fl-ismijiet:* ***Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd*** *(Rik Nru 77/18 JRM) fejn intqal hekk dwar dan is-sub-artikolu:-*
>
> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mill-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. [...] Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-ligi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-*

> *Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż; "*
>
> *Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2004 (Appell Ċivili Numru. 13/2002/3) "**Wara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 86/98 fl-ismijiet: Lawrence Tabone pro. et. noe. v. Raymond Tabone**" intqal kif ġej:-*
>
> *"Huwa paċifiku li, minkejja li l-liġi tal-proċedura tispeċifika kjarament liema huma dawk il-każi li fihom għandha tapplika s-sanzjoni ta' imposizzjoni ta' penali, il-poter vestit fil-Qorti jibqa' dejjem wieħed ta' natura diskrezzjonali. Fi kliem ieħor, il-Qorti m'hijiex obbligata li bilfors u f'kull każ li jkun, timponi penali u dan għaliex il-liġi tgħid biss li "Il-Qorti tista'…." (sottolinear tal-Qorti) u mhux "għandha".*

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza jiġi sottolineat li jibda dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax is-sanzjoni tal-penali jew le.

Wara li rat l-atti tal-proċeduri odjerni l-Qorti tikkonkludi li ma tirriskontrax l-estremi li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-artikolu 836 (8).

**It-tielet talba sejra għalhekk tiġi miċħuda.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar ir-rikors ta' Kevin Zammit tad-9 ta' Jannar 2025 billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tirrevoka, tħassar u tikkanċella *'in parte'* l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1839/24 ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi żżomm fis-seħħ il-mandat in kwistjoni biss fil-konfront tal-flus miżmuma mill-Bank of Valletta plc u tirrevokah mill-bqija;**

3. **Tiċħad it-tielet talba;**

4. **Tiċħad in-Nota tas-sekwestranti tal-4 ta' Frar 2025 ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

5. **L-ispejjeż huma riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża dwar il-mertu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**